



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 21.12.2016
SWD(2016) 469 final

**DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI
SOMMARJU EŻEKUTTIV TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT**

Li jakkumpanja d-dokument

**Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill
dwar ir-rikonoxximent reċiproku ta' ordnijiet ta' ffriżar u ta' konfiska**

{ COM(2016) 819 final }
{ SWD(2016) 468 final }

Skeda tas-Sommarju Eżekuttiv
Valutazzjoni tal-Impatt dwar Proposta għal Regolament dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku ta' Ordnijiet ta' Ffriżar u ta' Konfiska
A. Hemm bżonn li tittieħed azzjoni
Għaliex? X'inhom l-problema li qiegħda tiġi indirizzata?
<p>Il-qafas legali attwali dwar l-irkupru ta' assi kriminali fl-UE ma huwiex risposta effettiva quddiem l-isfidi ta' kriminali li jaħbu l-assi tagħhom fi Stati Membri oħra. Huma biss ftit ħafna l-ordnijiet ta' ffrizjar u ta' konfiska li jkunu eżegwiti fi Stati Membri oħra. B'riżultat ta' dan, ikunu biss ftit ħafna l-assi kriminali madwar l-UE li jiġu ffriżati u kkonfiskati, biex b'hekk il-kriminali jitħallew jibbenefikaw mill-qligħ illegali tagħhom. Ġew identifikati diversi raġunijiet li minħabba fihom hemm użu limitat taż-żewġ Deċiżjonijiet Qafas. Kwistjoni ewlenija hija li ż-żewġ strumenti ta' rikonoxximent reċiproku li jintużaw bħalissa ma jkoprux ħafna tipi ta' ordnijiet ta' ffrizjar u ta' konfiska li jistgħu jiġu adottati fil-livell nazzjonali (b'mod partikolari fir-rigward ta' konfiska li ma tkunx ibbażata fuq kundanna, iżda wkoll il-konfiska estiża u l-konfiska fir-rigward ta' terza persuna). Barra minn hekk, il-proċeduri u ċ-ċertifikati attwali huma kkumplikati bla bżonn u ineffiċjenti. Barra l-problemi msemmija hawn fuq, l-istrumenti attwali ma fihom l-ebda dispożizzjonijiet dwar kumpens lill-vittmi jew dwar restituzzjoni.</p>
X'inhom mistenni li jinkiseb b'din l-inizjattiva?
<p>L-objettivi ġenerali tal-azzjoni huma:</p> <ol style="list-style-type: none"> 1. Biex jiġu ffriżati u kkonfiskati aktar assi li jirriżultaw minn attivitajiet kriminali f'każijiet transfruntiera fil-ġlieda u fil-ħidma ta' prevenzjoni kontra l-kriminalità, inkluż it-terroriżmu u l-kriminalità organizzata; 2. Biex tissaħħaħ il-protezzjoni tad-drittijiet tal-vittmi f'każijiet transfruntiera. <p>L-objettivi speċifiċi huma:</p> <ol style="list-style-type: none"> 1. Li jittejjeb ir-rikonoxximent reċiproku ta' ordnijiet ta' ffrizjar u ta' konfiska f'każijiet transfruntiera billi jiġi estiż l-ambitu tal-istrument ta' rikonoxximent reċiproku; 2. Li jiġu pprovduti proċeduri u ċertifikati aktar sempliċi u aktar veloċi; 3. Li jizjed l-għadd ta' vittmi li jirċievu kumpens transfruntier.
X'inhom l-valur miżjud ta' azzjoni fil-livell tal-UE?
<p>Peress li l-kriminali spiss jaħbu l-assi tagħhom fi Stati Membri oħrajn, huwa essenzjali li jkun hemm kooperazzjoni transfruntiera effikaċi sabiex issir il-konfiska tar-rikavat mill-kriminalità. Il-leġiżlazzjoni tal-UE diġà tipprovdni għal rikonoxximent reċiproku tal-ordnijiet ta' ffrizjar u ta' konfiska; madankollu, din il-leġiżlazzjoni ma żammitx il-pass ma' żviluppi reċenti fil-leġiżlazzjoni nazzjonali f'xi Stati Membri u ma' leġiżlazzjoni reċenti tal-UE dwar regoli minimi komuni. Din il-proposta qiegħda twessa' l-ambitu għall-kooperazzjoni u tfisser li se jkun hemm firxa usa' ta' ordnijiet ta' konfiska li jkunu infurzabbli fl-Istati Membri kollha. Se tipprovdni wkoll proċeduri u ċertifikati aktar sempliċi u aktar veloċi; Barra minn hekk, se tipprevedi regoli speċifiċi dwar il-possibbiltà li l-vittmi jitolbu restituzzjoni jew kumpens f'każijiet transfruntiera.</p>
B. Soluzzjonijiet
Liema huma l-opzjonijiet ta' politika leġiżlattivi jew mhux leġiżlattivi li ġew ikkunsidrati? Hemm xi għażla ppreferuta jew le? Għaliex?
<p>Ġew ikkunsidrati erba' opzjonijiet prinċipali ta' politika. Iż-żamma tas-sitwazzjoni kif inhi (Opzjoni 1), opzjoni ta' liġi mhux vinkolanti (Opzjoni 2) u żewġ opzjonijiet ta' politika regolatorji (Opzjonijiet 3 u 4). Iż-żamma tas-sitwazzjoni kif inhi tkun tfisser li ma tittieħed l-ebda azzjoni fil-livell tal-UE, filwaqt</p>

li t-tliet opzjonijiet alternattivi ta' politika oħrajn itejbu, fi gradi differenti, l-abbiltà li jinqabdu u li jiġu kkonfiskati r-rikavati tal-kriminalità fuq bażi transfruntiera. L-Opzjoni 2 (azzjoni mhux leġiżlattiva / mhux vinkolanti) tkun issostni r-rikonoxximent reċiproku ta' ordnijiet ta' ffriżar u ta' konfiska permezz ta', pereżempju, it-taħriġ u t-tixrid tal-aħjar Prattika u l-promozzjoni tal-użu ta' strumenti internazzjonali li jippromwovu s-sekwestru u l-konfiska transfruntiera. Madankollu, l-impatt mistenni tagħha jkun pjuttost limitat u xi Stati Membri xorta jkunu esklużi milli jaġixxu dwar ċerti talbiet minn Stati Membri oħra. L-Opzjonijiet 3 u 4 (azzjoni leġiżlattiva li tipprevedi firxa ta' obbligi minn livell minimu sa livell għoli) jimplikaw obbligi ta' rikonoxximent u ta' eżekuzzjoni ta' firxa ta' ordnijiet ta' ffriżar u ta' konfiska ta' assi kriminali. L-Opzjoni 3 teħtieġ ir-rikonoxximent biss ta' dawk l-ordnijiet ta' ffriżar u ta' konfiska li huma stabbiliti fid-Direttiva 2014/42/UE. L-Opzjoni 4 teħtieġ ir-rikonoxximent ta' ordnijiet ta' konfiska li ma jkunux ibbażati fuq kundanna. Is-Subopzjoni 4a (opzjoni medja) tmur lil hinn mill-Opzjoni 3 u tkun tkopri t-tipi kollha ta' konfiska kriminali; inkluż il-konfiska li ma tkunx ibbażata fuq kundanna kriminali. Is-Subopzjoni 4b (opzjoni massima) tkun tinkludi wkoll forom ċivili jew amministrattivi ta' konfiska li ma tkunx ibbażata fuq kundanna. L-opzjoni ppreferuta hija s-subopzjoni 4a peress li din tipprevedi strument ġdid ta' rikonoxximent reċiproku b'kamp ta' applikazzjoni estiż li jkopri t-tipi kollha ta' ordnijiet ta' ffriżar u ta' konfiska li jinħarġu fil-kuntest ta' proċedimenti kriminali. B'hekk hija tikkumplementa l-miżuri ta' armonizzazzjoni stabbiliti bid-Direttiva 2014/42/UE. Din se tipprevedi wkoll regoli speċifiċi għall-protezzjoni tad-drittijiet tal-vittmi f'każijiet transfruntiera.

Min isostni liema opzjoni?

L-Istati Membri jirrikonoxxu l-hteġġa li jitjieb ir-rikonoxximent reċiproku ta' ordnijiet ta' ffriżar u ta' konfiska bi strument leġiżlattiv ġdid. Huma għalhekk jappoġġaw opzjoni ta' politika li tkun timplika leġiżlazzjoni ġdida (Opzjonijiet 3, 4a jew 4b). Madankollu, hemm varjazzjoni fost il-pożizzjonijiet tal-Istati Membri dwar liema tip ta' miżuri għandu jkopri l-istrument. L-Opzjoni 3 ma tqajjem l-ebda tħassib partikolari mill-Istati Membri, iżda ma tkunx meqjusa bħala suffiċjenti minn dawk l-Istati Membri li għandhom forom aktar estensivi ta' konfiska. L-Opzjoni 4a tkun l-aktar għażla faċilment aċċettata mill-Istati Membri peress li l-biċċa l-kbira tal-Istati Membri diġà għandhom dispożizzjonijiet li jinkludu l-konfiska li ma tkunx ibbażata fuq kundanna kriminali. Il-fehmiet tal-Istati Membri huma pjuttost diverġenti għar-rigward tal-Opzjoni 4b. Il-Parlament Ewropew huwa favur propożta leġiżlattiva biex jissaħħa ir-rikonoxximent reċiproku ta' ordnijiet ta' konfiska u ffriżar.

C. L-impatti tal-opzjoni ppreferuta

X'inhuma l-benefiċċji tal-opzjoni ppreferuta (jekk hemm, inkella, x'inhuma l-benefiċċji ewlenin)?

L-obbligu li tiġi rikonoxxuta firxa akbar ta' ordnijiet ta' ffriżar u ta' konfiska għandu jżid l-ammont ta' assi kriminali ffriżati u kkonfiskati mal-fruntieri tal-Istati Membri. Għaldaqstant, dan għandu fl-aħħar mill-aħħar iwassal għal tnaqqis fil-profitti għall-kriminali organizzati u jċaħħad lill-kriminali l-possibbiltà li jerġgħu jinvestu l-profitti tagħhom biex jiffinanzjaw aktar kriminalità. Iż-żieda tal-possibbiltà ta' konfiska żżid ukoll l-effett ta' deterrent fuq il-kriminalità. Din għandha twassal ukoll għal tnaqqis fit-telf tad-dħul tal-Istat Membru. L-impatt soċjali għandu jkun kollox ma' kollox pożittivi ħafna peress li l-assi kriminali kkonfiskati jkunu jistgħu jingħataw lura lill-vittmi mingħand min ikunu nsterqu, jew isir użu soċjali pożittiv minnhom.

X'inhuma l-ispejjeż tal-opzjoni ppreferuta (jekk hemm, inkella, x'inhuma l-ispejjeż ewlenin)?

Ikun hemm żieda fl-ispejjeż amministrattivi kemm għall-awtoritajiet emittenti kif ukoll għall-awtoritajiet ta' eżekuzzjoni, li tirriżulta minn żieda ta' proċeduri transfruntiera u l-infurzar ta' ordnijiet

ta' ffriżar u ta' konfiska. Dawn l-ispejjeż amministrattivi madankollu jkunu (aktar minn) ikkumpensati biż-żieda mistennija fl-irkupru ta' assi transfruntiera. Jirriżultaw ukoll benefiċċji konsiderevoli bil-prevenzjoni ta' attivitajiet kriminali u ta' attacchi terroristiċi peress li l-kriminali jkunu qegħdin jiġu mċaħħda mill-fondi.

Kif se jintlaqtu n-negozji, l-SMEs u l-mikrointrapriżi?

In-negozji, l-SMEs u l-mikrointrapriżi ma jkunux affettwati direttament minn din il-proposta. Madankollu, il-qabda ta' assi kriminali tagħmilha aktar diffiċli biex in-negozji kriminali joperaw, u b'hekk għat-tul din għandha tkun ta' għajjnuna lin-negozji leġittimi billi titnaqqas il-kompetizzjoni minn atturi illegali.

Se jkun hemm impatti sinifikanti fuq il-baġits u l-amministrazzjonijiet nazzjonali?

L-obbligu li jingħata rrikonoxximent lil firxa akbar ta' ordnijiet ta' ffriżar u ta' konfiska, u biex dawn jiġu implimentati, jwassal għal żieda limitata fl-ispejjeż tal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u dawk ġudizzjarji. Madankollu, dan għandu jiġi kkumpensat permezz ta' żieda fil-kapaċità tal-irkuprar – u użu mill-ġdid fejn xieraq – tar-rikavat mill-kriminalità.

Se jkun hemm impatti sinifikanti oħra?

Il-kapaċità li jiġu ffriżati u kkonfiskati assi kriminali b'mod effettiv fuq bażi transfruntiera u li l-assi jingħataw lura lill-vittmi fejn ikun xieraq itejjeb il-fiduċja fis-sistemi ġudizzjarji tal-Istati Membri u tal-UE b'mod ġenerali.

D. Segwitu

Meta ssir rianaliżi tal-politika?

Ħames snin wara d-dħul fis-seħħ tal-istrument legali l-ġdid.